MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Numru. 830/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Djouguem Koumetip Herve**

**Illum, 12 ta' Awissu 2010**

**Kumpilazzoni Numru: 830/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Djouguem Koumetip Herve ta' 35 sena, bin Sylvestre u Celina nee' Nguemnang, imwieled il-Cameroon fil-11 ta' Awissu, 1975 u joqghod fil-fond numru 50, Rue Des Moines, Chez MME, Jounda Nathalie, 75017, Parigi, u detentur ta' passaport tal-Cameroon bin-numru 944178.

Akkuzat talli fl-10 ta’ Awissu, 2010 u fil-gimghat precedenti f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa, ai terminu ta’ l-artikoli 18 u 48A tal-Kodici Kriminali, il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li d-delitt li dwaru l-imputata assocja ruhu ma’ persuni ohra huwa dak kontemplat f’l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 48A u 308 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta’l-imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 48A u 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni a karigu tar-Registratur ta'l-oggetti esebieti bhala Dok MC3.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------